TRIBUNAL GĦAL TALBIET TAL-KONSUMATUR

MALTA

CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL

Avviż Numru CCT 57/13-F

**Candie Borg Cardona**

**vs**

**Union Ħaddiema Magħqudin (UHM)**

Illum 5 ta' Novembru, 2013

**It-Tribunal**

Wara li ħa konjizzjoni tal-Avviż fl-ismijiet fuq premessi ppreżentati fit-28 ta' Frar, 2013 fejn ir-rikorrenti talbet illi ma tħallasx l-ammont ta' ħamsa u ħamsin ewro, u ħmistax-il ċentenżmi (€55.15), rappreżentanti l-prezz ta' *membership*.

L-intimat ippreżenta risposta bil-miktub għal din it-talba, u attenda għas-seduta.

Illi wara li sema' x-xhieda ġuramentata tar-rikorrenti li hija l-istess rikorrenti, u wara li sema' x-xhieda tal-intimat li huwa rappreżentant tal-Union, u wara li ħa konjizzjoni tal-fatti kif ukoll taċ-ċirkostanzi kollha tal-każ;

**Ikkunsidra s-segwenti:**

Ir-rikorrenti ssottomettiet bil-miktub illi hija kienet saret membru tal-UHM *online* u li ħallset għal sitt xhur, u wara li għaddew is-sitt xhur iddeċidiet li ma tibqax membru fil-UHM u ma baqgħetx tħallas il-*membership*. Minkejja dan, il-UHM bagħtitilha kont sabiex tħallas, pero' hija ma riditx tħallas għax ma riditx tibqa' membru fl-*union*.

L-Union Ħaddiema Magħqudin issottomettiet illi l-fatt li ma kkanċellatx il-*membership*, tfisser li tiġi rinnovata awtomatikament.

It-Tribunal, ma jaqbilx ma' din il-konklużjoni, u għaldaqstant it-Tribunal jikkonkludi li r-rikorrenti kellha raġun għall-fatt illi ma ħallsitx, dan ifisser li m'għadhiex iktar membru tal-*union* u kullma ħallset kienu biss għal sitt xhur.

47A, SOUTH STREET, VALLETTA VLT 1101 – MALTA
TELEPHONE: (+356) 21227070. FAX: (+356) 21239888

**Għal dawn il-motivi:**

It-Tribunal, qed jilqa' t-talba tar-rikorrenti, u jiddeċiedi illi l-kont ta' ħamsa u ħamsin ewro, u ħmistax-il ċentenżmi (€55.15), ma jitħallasx mir-rikorrenti, u b'kull parti tħallas l-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri.

**Avv Martin Fenech**
**Arbitru**